MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2010

Appell Civili Numru. 130/2003/2

**John Mifsud u martu Mary**
**ghal kull interess li jista' jkollha**

**v.**

**Dr. Peter Fenech fil-kwalita` tieghu ta' Chairman tal-Mediterranean Conference Centre, Paul Attard fil-kwalita` tieghu ta' Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Edukazzjoni; u b'digriet tat-12 ta' Jannar, 2004 gie kjamat in kawza l-Kunsill Malti ghall-Kultura u l-Arti**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'citazzjoni pprezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-6 ta' Frar, 2003 l-attur ippremetta illi huwa mpjegat mac-Centru tal-Mediterran ghall-Konferenzi (MCC) u kien impjegat fl-1 ta' Settembru 1986 bhala Restaurant Manager; illi fit-22 ta' April 1991, l-attur gie appuntat bhala Catering and Restaurant Manager; illi tul il-kors tal-impjieg tieghu, l-attur qatt ma nghata appointment mal-Gvern kif inghataw diversi mpjegati ohra bhalu, anke wara li sar il-ftehim kollettiv bejn l-MCC u l-Union Haddiema Maghqudin fl-1993; illi l-attur kien beda proceduri quddiem it-Tribunal ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji (Rikors 1085/97) liema proceduri gew decizi b'sentenza tat-Tribunal tas-7 ta' Frar 2002, fejn l-attur ippremetta illi kien sofra ngustizzja peress illi ma nghatax appointment mal-Gvern u in konsegwenza tilef il-beneficcji li jgib mieghu dan l-impjieg; illi bid-decizjoni tieghu tas-7 ta' Frar 2002, it-Tribunal ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji laqa' t-talba tal-attur u rrakomanda li jinghata appointment mal-Gvern b'effett mid-data li nghataw il-haddiema l-ohra in segwitu ghac-cirkolari tal-1 ta' Marzu 1993 u jitpogga fil-lista ta' *seniority* daqs kemm ha l-hatra dak in-nhar; illi dan kien ifisser illi l-attur kellu jkun ikkunsidrat bhala mpjegat mal-Gvern fi skala 9 bil-paga li dik iggib maghha ossija ekwivalenti ghal dik ta' Catering Manager; illi fil-kors ta' dawn il-proceduri msemmija quddiem it-Tribunal ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji, u precizament fil-11 ta' Jannar 2000, l-attur kien infurmat illi kien qed jigi tterminat lilu l-impjieg, pero` b'alternattiva gie offert lill-attur xoghol iehor b'paga aktar baxxa, liema xoghol l-attur kien kostrett jaccetta 'under protest' biex ma jispiccax bla xoghol; illi l-haddiema kollha l-ohra fil-catering department tal-MCC fejn kien l-attur, inghataw post fl-istess grad/skala li kienu qabel jokkupaw fid-dipartiment imsemmi (Catering Department) sabiex b'hekk zammew l-istess paga li kellhom qabel ma' gew trasferiti ghall-post iehor u ma sofrewx telf finanzjarju rizultat tad-decizjoni tal-Bord tal-MCC li jaghlaq il-catering department; illi din id-decizjoni tal-Bord tal-MCC (ta' Jannar 2000,) ittiehdet meta l-proceduri hawn fuq imsemmija (rikors 1085/97) kienu ghadhom pendenti u

allura sub judice, u allura l-pretensjoni tal-attur li jitqies bhala haddiem tal-Gvern kienet ghadha taht il-lenti ta' Tribunal guridiku kompetenti, b'dan illi l-agir tal-Bord kien wiehed intempestiv, illecitu u abbuziv li wassal sabiex l-attur sofra danni konsiderevoli konsistenti principalment f'telf ta' paga, ossija d-differenza minn dik li kellu fid-dipartiment tal-catering (skala 9) u li kien ikollu kieku ha jinghata l-impjieg mal-gvern kif gie ntitolat skond id-decizjoni tat-Tribunal hawn fuq riferita, ghal dik li kellu jaccetta 'under protest'; illi l-konvenuti gew interpellati sabiex jersqu ghall-likwidazzjoni u konsegwenti hlas tad-danni sofferti mill-attur, anke permezz ta' ittri ufficjali tal-14 ta' Ottubru 2002 u tas-6 ta' Jannar 2003, debitament notifikati, izda baqghu inadempjenti; dan premess l-attur talab li dik il-Qorti
(1) Tiddikjara lill-konvenuti jew min minnhom responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur kif u ghar-ragunijiet hawn fuq premessi.

(2) Tillikwida jekk hemm bzonn bil-hatra ta' perit nominandi, d-danni sofferti mill-attur konsistenti principalment f'telf ta' paga kif fuq premess.

(3) Tordna lill-konvenuti jew min minnhom sabiex ihallsu lill-attur dik is-somma hekk likwidata ai termini tat-tieni talba flimkien ma' l-imghaxijiet relattivi sad-data tal-hlas.

Bl-ispejjez kollha nkluz dawk tal-ittri ufficjali tal-14 ta' Ottubru 2002 u tas-6 ta' Jannar 2003 u bl-imghax kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ghall-finijiet ta' kompetenza jigi dikjarat illi l-pretensjoni tal-attur sal-prezentata ta' dan l-att gia teccedi l-hames t'elef Lira Maltin (Lm5,000).

B'nota pprezentata fil-25 ta' Awissu, 2003 (fol. 22) il-konvenut l-Avukat Dr. Peter Fenech noe eccepixxa:

Illi t-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu respinti bl-ispejjez ghas-segwenti ragunijiet:

1. Preliminarjament jehtieg li l-attur jikkjarifika liema hija l-pretensjoni tieghu li abbazi taghha qed jitlob id-danni.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-Av. Peter Fenech nomine m'hux il-legittmu kontradittur.

3. Din in-nota ghalhekk qieghda ssir bir-riserva li jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz wara li ssir id-debita kjarifika da parti tal-attur.

4. Minghajr pregudizzji u ghal kull kjarifika jigi eccepit is-segwenti:

(a) Li t-talba ghall-hlas tad-danni mill-1993 fi kwalunkwe kaz hija zgur preskritta:

(b) Minghajr pregudizzju ghall-premess din it-talba skond fuq xhiex hija bbazata tista' gia` tkun res gudikata.

(c) Minghajr pregudizzju ghall-premess jigi eccepit fil-mertu li l-attur mhuwiex korrett fl-allegazzjoni tieghu u ma sofra l-ebda ngustizzja.

(d) Li minghajr pregudizzju ghas-sueccepit u in subordinazzjoni ghall-istess jeccepixxi li kull ingustizzja li seta' sofra giet rimedjata bl-azzjoni mehuda recentement liema azzjoni kienet intiza precizament sabiex tpoggi l-attur f'pozizzjoni li seta' kien.

(e) Li l-attur m'accettax ir-rimedji offerti lilu proprju ghaliex la dak inhar u inqas u inqas illum ma qabillu li jissieheb mal-Gvern a tenur ta' dik ic-cirkolari u ghall-ebda raguni ohra.

(f) Li l-attur ma sofra l-ebda danni meta baqa' mac-Centru, anzi l-oppost, ircieva aktar introjtu fis-snin 1993-2002 mac-Centru milli kien jircievi kieku kien impjegat mal-Gvern.

(g) Li l-attur ma baqax mac-Centru matul dan il-perjodu kollu izda fil-fatt kien sekondat mal-Gvern ghal xi zmien.

B’nota pprezentata fis-27 ta’ Awissu, 2003 (fol. 27) il-konvenut Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Edukazzjoni eccepixxa:

Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:
1. Preliminarjament illi l-esponent mhuwiex il-legittmu kontradittur stante illi Dar il-Mediterran ghall-Konferenzi llum jaqa’ taht il-kappa tal-Kunsill Malti ghall-Kultura u l-Arti u mhux taht il-Ministeru tal-Edukazzjoni ghaldaqstant huwa gie mharrek inutilment;

2. Illi subordinament u bla pregudizzju ghas-suespost l-esponent ma kkawza ebda danni lill-attur ghaldaqstant it-talbiet ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra taghhom;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

B’nota pprezentata fit-23 ta’ Frar, 2004 (fol. 37) il-kjamat fil-kawza Kunsill Malti ghall-Kultura u l-Arti eccepixxa:
1. Illi t-talbiet tal-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-Kunsill Malti ghall-Kultura u l-Arti ma kkawza l-ebda danni lill-atturi;

2. Illi l-azzjoni de quo hija preskritta bit-terminu ta’ sentejn u dan stante illi l-impjieg mill-gdid tal-attur John Mifsud sar fil-11 ta’ Jannar 2000.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost fis-sentenza kkwotata fic-citazzjoni, t-Tribunal ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji biss irrakomanda li l-attur jinghata appointment mal-Gvern u dan minhabba l-fatt li l-engaggar ta’ mal-Gvern isir biss mill-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b'sentenza mogħtija fit-30 ta' April, 2008 bil-mod segwenti:
*'Ghal dawn il-motivi*
*Il-Qorti tiddeciedi*
*Billi tilqa' l-ewwel talba attrici*
*Tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni taz-zewg talbiet l-ohra.*
*Spejjez ghall konvenuti MCC*
*Tillibera lill-konvenuti Ministeru tal-Edukazzjoni u l-kjamati fil-kawza mill-osservanza tal-gudizzju spejjez ghall-attur.'*

Dik il-Qorti waslet ghad-decizjoni tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"L-attur ghamel dina l-kawza fejn talab danni sofferti minnu minhabba ngustizzja kommessa fil-konfront tieghu mill-konvenuti jew min minnhom. Dawn id-danni l-attur jghid li jikkonsistu principalment f'telf ta' paga u zidied li ma hax.

"**Fatti**

"L-attur kien (u ghadu) impjegat mac-Centru tal-Mediterran ghall-Konferenzi (MCC) mill-1 ta' Settembru 1986 b'mod irregolari u f'April 1991 gie promos ghall Catering Manager u sar regolari. F'dak iz-zmien haddiema ohra li kienu ma' l-attur inghataw impieg mal-Gvern. Fin 1994 l-attur talab biex jinghata wkoll impieg mal-Gvern izda ma nghatax. Fil-1997 l-attur beda proceduri quddiem it-Tribunal ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji ghax ma kienx inghat *appointment* mal-Gvern a bazi ta' Cirkolari tal OPM 19/1993 u kien tilef il-beneficcji li hadu shabu li gew hekk impjegati. Fil-1998 inghata transfer ghall mal-Ministeru tal-Kultura fl-istess grad u bl-istess paga. Fit-2000 rega intbaghat lura l-MCC bhala Catering Manager izda billi dan il-post kien gie abolit u minflok gie offrut kariga ta' *storekeeper* fi skala 14 b'inqas paga li hu kellu jaccetta *under protest* inkellha kien jispicca *redundant* u dan meta l-kaz tieghu kien ghadu quddiem it-Tribunal. Fi Frar 2002 t-Tribunal ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji laqgha t-talba tal-attur u rrakkomanda li l-attur jinghata appointment mal-Gvern b'effett immedjat mid-data li nghataw il-haddiema l-ohra in segwitu tac-cirkolari minn

1992 u jitpogga fil-lista ta' Seniority daqs kemm kien dak in-nhar. Il-MCC offrew lill attur impjieg mal-Gvern fi skala 19 u kumpens ta' Lm1,205 jew inkella jibqa' mal MCC bil-paga li kellu, izda l-attur m'accettax dina l-proposta u baqa' ma' l-MCC.

"**Eccezzjonijiet tal-konvenut Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Edukazzjoni u tal-kjamati fil-kawza Kunsill Malti ghall-Kultura u l-Arti.**

"Dwar l-eccezzjoni tal-konvenut Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Edukazzjoni li hu mhux il-legittimu kontradittur il-Qorti ssib li l-dina l-eccezzjoni hija gustifikata billi t-talbiet ma kellhomx jigu diretti kontra tieghu billi l-MCC ma jaqax taht il-kappa tieghu.

"Dwar l-eccezzjoni tal-kjamat fil-kawza, dan issottometta li hu ma kienx partecipi fid-decizjoni li biha gie terminat l-impieg tal-attur u offrut xoghol iehor. Ghlahekk hu ma kienx kompartecipi fl-ebda ngustizzja fil-konfront tal-attur.

"Dwar l-eccezzjoni mqajma mill-kjamat fil-kawza, il-Qorti hi tal-fehma li din l-eccezzjoni hi wkoll gustifikata billi l-attur kien impjegat mal-MCC u kien gie seconded biex jahdem mad-Dipartiment tal-Kultura ghal xi zmien pero' baqa' jithallas mill-MCC. Id-Dipartiment tal-Kultura ma kellhux x'jaqsam mal-mod kif gie mpjegat l-attur u l-paga li kien jircievi u lanqas mat-terminazzjoni tal-impieg tieghu.

"Jibqa' ghalhekk li l-Qorti tikkunsidra l-eccezzjonijiet tal-konvenut Dr. Peter Fenech noe ghal MCC.

"**KONTESTAZZJONI**

"Il-konvenuti MCC eccepew preliminarjament li jehtieg li l-attur jikkjarifika liema hija l-pretensjoni tieghu li abbazi taghha qed jitlob id-danni ghax minnha jiddependu l-eccezzjonijiet l-ohra li jistghu jitqajjmu bhal per ezempju l-preskrizzjoni u l-legittimu kontradditur.

“It-talba tal-attur fic-citazzjoni hija biex dina l-Qorti tiddikjara li l-konvenuti (jew min minnhom) responsabbili ghad-danni sofferti mill-attur u ghar-ragunijiet premessi.

“Skond il-premessi fic-citazzjoni l-attur qed jghid li hu sofra danni meta fil-1993 hu ma ntbaghatx mal-Gvern bhal ma kienu ntbaghatu shabu u li minhabba f’hekk kellu jmur quddiem it-Tribunal ghall Ingustizzji. Imbaghad ippremetta wkoll li kompla sofra danni meta fit-2002, waqt li l-azzjoni tieghu quddiem it-Tribunal kienet ghadha ghaddejja, il-post li kien jokkupa gie abolit u kellu jaccetta kariga inferjuri b’paga inqas under protest. L-attur ippremetta wkoll li hu kompla jsofri danni meta, wara li t-Tribunal sab favur tieghu, r-rakkomandazzjonit tat-Tribnunal ma gietx, skond hu, attwata kif kellha tigi attwata.

“**Preskrizzjoni**

“Il-konvenut Centru tal-Mediterran ghall-Konferenzi (MCC) eccepixxa li l-azzjoni attrici hija preskritta billi kien biss fl-14 ta’ Ottubru 2002 li hu gie interpellat mill-attur sabiex jersaq ghall-likwidazzjoni tad-danni allegatament sofferti minnu konsistenti f’telf ta’ pagi li jmorru lura ghas-sena 1993 u aktar minn sentejn wara d-decizjoni amministrattiva tas-sena 2000.

“Il-principju *contra non valentem agere non currit praescriptio* gie milqugh mill-gurisprudenza taghha peress li jaghti lok ghall-konservazzjoni tal-jedd kontra l-estinzjoni tal-azzjoni fil-kaz ta' impediment ta' dritt, u dan jissuccedi fil-kaz fejn l-azzjoni gudizzjarja li tkun qed tigi ezaminata biex jigi stabbilit jekk hemmx preskrizzjoni jew le tkun necessarjament tiddependi minn pronunzjament gudizzjarju iehor, li sakemm ma jigix pronunzjat, ma jippermettix li l-perkors tal-perjodu preskrittiv jibda u jibqa' miexi. F’dak il-kaz jigri li l-preskrizzjoni ghar-rigward tat-tieni azzjoni tibqa' sospiza. (Ara sentenza App. tal 15 ta' Frar 1965, in re Diego Attard et nomine v. Angelo Fenech).

“Fis-sentenza tad-9 ta' Marzu 1994, fl-App Kumm: fl-ismijiet Xuereb v. Zammit, l-Qorti tal-Appell iddecidiet li:

““meta tkun sentenza tal-Qrati li tohloq id-dritt ta' azzjoni, isegwi, illi l-azzjoni gudizzjarja tista' tinbeda biss **wara** dik is-sentenza u li, *wkoll*, minn dik id-data tista' tibda tiddekorri l-preskrizzjoni. Mentri meta sentenza tkun semplicement dikjaratorja ta' x'kienet il-posizzjoni guridika korretta **qabel** beda l-procediment, allura, huwa daqstant iehor car li tali sentenza m'ghandha ebda rilevanza la ghal meta l-azzjoni tal-kreditur setghet tigi intavolata u, konsegwentement, ghad-data li minnha bdiet tiddekorri l-preskrizzjoni." (ara wkoll sentenza Agius vs Spiteri App 29/2/2008).

“Fil-kaz in ezami hu veru li t-Tribunal ghamel biss rakkomandazzjoni, izda l-awtoritajiet iddeciedew li jimplimentaw dina r-rakkomandazzjoni ghalhekk dina ‘ssa ghandha tigi kunsidrata bhala decizjoni li torbot.

“Fir-rikors li l-attur kien ghamel quddiem it-Tribunal ghall Investigazzjoni ta’ Ingustizzji hu kien ppremetta li bejn 1987 u 1995 huwa sofra ingustizzja ghax ma nghatax appointment mal-Gvern u in konsegwenza tilef l-beneficcji li jgib mieghu dan l-impieg. It-Tribunal kien sab favur l-attur u kien iddecieda li jirrkmanda li l-attur jinghata *appointment* mal-Gvern b’effett mid-data li nghataw il-haddiema l-ohra in segwitu ghac-cirkolari 19/93 u li jitpogga fil-lista ta’ *seniority* daqs kemm ha l-hatra dak in-nhar. Dan ifisser li d-dritt li l-attur jinghata l-appointment mal-Gvern gie stabilit mit-Tribunal fit-2002 u qabel dana d-dritt ma kienx ghadu rikonxxut. L-attur setgha jfittex ghad-danni li sofra meta ma giex rikonoxxut id-dritt tieghu li jinghata impieg mal-Gvern. Ghalhekk il-preskrizzjoni ma setghetx tibda tiddekorri hlief mit- 2002 meta l-attur setgha jippromuovi l-azzjoni tieghu ghall danni wara d-decizoni tat-Tribunal. L-azzjoni prezenti giet prezentata fis-6 ta’ Frar 2003 ghalhekk entro t-terminu preskrittiv.

“Ghalhekk dina l-eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni qed tigi michuda.

“**Legittimu kontradittur**

“Il-konvenuti MCC issottomettew illi jekk l-attur qed jibbaza t-talba tieghu fuq il-mod kif giet attwata r-rakkomandazzjoni tat-tribunal, hu mhux il-legittimu kontradittur f’dan ir-rigward billi r-rakkomandazzjoni tat-Tribunal saret mhux lill MCC izda lill Prim Ministru u kien dan li kellu jattwa r-rakkomdandazzjoni. Isostnu li MCC qatt ma kellha prerogattiva li toffri impjieg mal-Gvern lill attur imma dan setgha jsir biss mill Management and Personel Office.

“Huwa veru li r-rakkomandazzjoni saret lill Prim Ministru izda kienet l-MCC li nghatat l-istruzzjonijiet mill-Awtoritajiet biex dina r-rakkomandazzjoni tigi attwata. L-ilment tal-attur huwa kontra l-MCC li ma attwatx ir-rakkomandazzjoni kif suppost kellha tigi attwata u d-danni li l-attur sofra huma minhabba l-kariga li huwa kien u ghadu jokkupa mal-MCC u t-telf li sofra huma ghal perjodu tal-impieg tieghu mal-MCC.

“Ghalhekk dina l-eccezzjoni wkoll qed tigi michuda.

“**Fil-Mertu**

“Fil-mertu l-konvenuti MCC jirritjenu li l-interpretazzjoni tal-attur li hu kellu jigi kunsidrat bhala impjegat mal-Gvern fi skala 7 ma tregix billi din ma tirrizultax mic-cirkolari 19/1993 li a bazi taghha nghatat ir-rakkomandazzjoni mit-Tribunal. Dik ic-cirkolari kienet toffri biss impieg fi skala 19 Industrial Grades Group A u ghalhekk kull talba mill-attur ghall hlas ta’ danni bazata fuq dika l-pretensjoni ghandha tigi michuda. Il-konvenuti jissottomettu inoltre li l-attur gie offrut impjieg mal-Gvern bhal impjegati l-ohra izda hu ghazel li ma jaccettax ghax jaf li ma jaqbillux.

“Redundancy

“Il-konvenuti jirritjenu wkoll li r-*redundancies* li saru, kienu skond il-ligi wara li sar ir-*restructuring* tad-Dar il-Mediterran. L-attur kien qieghed mal MCC, sekondat mill Ministeru tal-Kultura, izda billi dawn ma accettawx li jhallsu tal-paga tal-attur, dana gie rez redundant u gie offrut impieg alternativ bhala *storekeeper* li hu accetta

*under protest*. Ir-*redundancy* kienet skond il-ligi u ghalhekk l-attur ma sofra ebda danni konsistenti f'telf ta' paga. Fi kwalunkwe kaz l-attur messu rrikorra quddiem it-Tribunal kompetenti biex jattakka l-validita' o meno tar-*redundancy*.

"**Tikkunsidra**

"Tul il-perkors kollu ta' dan il-kaz, basikament l-attur kien qed jikkontesta l-fatt li hu ma kienx inghata l-opportunita' li jigi mpjegat mal-Gvern bhal ma kienu gew impjegati shabu. Gara wkoll li waqt li kienu ghaddejin il-proceduri quddiem it-Tribunal, il-kariga li kien jokkupa l-attur giet abolita, u spicca *redundant* u kellu jaccetta xoghol inferjuri. F'dak l-istadju hu kien ghadu qed jistenna l-ezitu tat-talba tieghu li hu jinghata mpieg mal-Gvern u ghalhekk wiehed ma kienx jistenna li l-attur jadixxi wkoll tribunal iehor meta kien ghadu ma giex determinat l-ewwel ilment tieghu principali dwar l-impieg tieghu mal-Gvern.

"Il-konvenuti MCC qed jippretendu li wara d-decizjoni tat-Tribunal l-attur kellu jaccetta impieg mal-Gvern bhal haddiema rregolari l-ohra shabu fi skala 19, haga li l-attur m'accettax. L-attur ippretenda li hu kellu jigi kunsidrat bhala mpjegat mal-Gvern fi skala 9 (ara premessi fic-citazzjoni) bil-paga li ggib maghha dik l-iskala ossija ekwivalenti ghal dik ta' Catering Manager kif kien fil-1991. L-attur kien sar impjegat regolari mal-MCC fil-1991 (ara Dok D a fol 267) u ghalkemm it-Tribunal ikkunsidra li c-cirkolari tal-1993 bhala li kienet applikabbli ghall haddiema rregolari, dina giet applikata mit-Tribunal ukoll fil-konfront tal-attur, li pero' kien haddiem regolari. Fid-decizjoni tat-Tribunal fil-kaz tal-attur gie deciz li hu kellu jircievi paga l-istess bhal dik li kien jircievi fl-istess grad li kien. Ghalhekk a termini tad-decizjoni tat-Tribunal l-attur ghandu jigi kunsidrat li jissieheb mal-Gvern fi skala 9 bhala Manager u mhux fi skala 19 bhala labourer.

"Il-Qorti ghalhekk tikkonkludi li l-attur sofra danni billi huwa ma nghatax impjeg mal-Gvern fis-skala 9 (kif ippremetta fic-citazzjoni) kif kellu jinghata u minflok gie offrut impieg fi skala 19.

‘Ghalhekk l-ewwel talba tal-attur ghandha tigi milqugha fil-konfront tal-konvenuti MCC.

“Dwar it-tieni u tielet talba l-Qorti ma sabet ebda prospett li rrifera ghalih  l-attur fin-nota tieghu (fol 330 l-ahhar para) u ghalhekk ma mhemmx provi li fuqhom il-Qorti tista tasal biex tillikwida d-danni, konsegwentement se tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ dawn iz-zewg talbiet.”

**L-appelli interposti.**

Mis-sentenza fuq riportata appella l-konvenut Dr Peter Fenech fil-kwalita` tieghu ta’ Chairman tal-Mediterranean Conference Centre fejn talab li, għar-ragunijiet hemm mogħtija, din il-Qorti jogħgobha tirrevoka s-sentenza li biha l-ewwel Qorti caħdet l-eccezzjonijiet tal-konvenut appellant u dan bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellati.

L-atturi John Mifsud u martu Mary ipprezentaw risposta ghall-appell ta’ Dr Peter Fenech noe fejn talbu li dan l-appell għandu jigi michud u l-parti minnu appellata tas-sentenza ghandha tigi kkonfermata. Fl-istess rispost izda huma uzufruwew mid-dritt tagħhom li jintavolaw appell incidentali billi talbu li, għar-ragunijiet hemm mogħtija, tigi mibdula dik il-parti tas-sentenza fejn tikkoncerna it-tieni u tielet talbiet tagħhom, billi dawn jigu akkolti u dan billi esebew il-prospett li kienet saret referenza għalieh fin-nota tal-osservazzjonijiet billi tordna lill-appellanti sabiex iħallsuh dik is-somma hekk likwidata in linea ta’ danni flimkien ma’ l-imgħax relattiv sad-data tal-ħlas effettiv, u dan bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellant.

Il-konvenut appellant irrisoponda ghal dan l-appell incidentali billi osserva li n-nuqqas tal-attur in prim istanza mhux rimedjabli fi stadju tal-appell għajr billi l-atti jintbgħatu lura. Il-konvenut għalhekk talab li d-dokument esebit jigi sfilzat.

**L-aggravji tal-Mediterranean Conference Centre**

L-appellanti (MCC) resqet diversi agravji kontra s-sentenza appellata. Dawn huma s-segwenti:

a) illi l-ewwel Qorti għamlet apprezzament inkorrett tal-portata tar-rakkomandazzjonijiet tat-Tribunal għall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji. Din ir-rakkomandazzjoni ma tikkostitwixx gudikat fil-konfront la tal-Prim Ministru u wisq anqas ta' korpi oħrajn, bħal ma huma l-Mediterranean Conference Centre;

b) illi minn semplici rakkomandazzjoni ma jistghux jinbtu konsegwenzi jew pretensjonijiet guridikament enforzabbli;

c) illi huwa it-Tribunal Industrijali li għandu gurisdizzjoni biex jezamina kazijiet naxxenti minn terminazzjoni ta' impieg u ebda Qorti oħra;

d) illi ma kien hemm ebda ness bejn l-għeluq tal-funzjoni ta' 'catering' tal-MCC u l-process għaddej quddiem it-Tribunal ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji;

e) illi l-asserzjoni tal-ewwel Qorti li l-impieg tal-attur minn wieħed irregolari sar 'regolari' hija zbaljata billi r-rekwiziti tal-Art. 110 tal-Kostituzzjoni ma gewx segwiti;

f) illi c-cirkolari li fuqha bbaza ruhu t-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji kien jirriferi għal integrazzjoni tal-ħaddiema 'irregolari' fil-gradi industrijali u mhux fil-gradi manigerjali u l-pretensjoni tal-appellat tirrigwarda danni emergenti mill-fatt illi, skond hu, kellu jingħata grad f'dan il-livell;

g) illi l-pretensjonijiet tal-appellat huma bbazati fuq 'misconception' dwar dak li kien intitolat għalih ai termini tar-rakkomandazzjoni tat-Tribunal għall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji u dwar minn għand min seta' jippretendi dak li seta' kien intitolat għalih; u

h) illi l-ewwel Qorti ma qisitx bħala importanti l-fatt li l-abolizzjoni tal-post okkupat mall-appellat ma kellu ebda relazzjoni mall-proċeduri li hu kellu għaddejjin quddiem it-Tribunal għall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji.

**Ikkunsidrat:**

Permezz tal-prezenti proċeduri l-attur qiegħed jitlob li l-konvenuti jigu dikjarati responsabbli għad-danni minnu sofferti għar-ragunijiet imsemmija fiċ-ċitazzjoni u konsegwentement il-likwidazzjoni u ħlas tal-istess danni.

Mill-kumpless tal-premessi fiċ-ċitazzjoni jidħer li l-ilment baziku tal-attur jikkonsisti mill-fatt li huwa ma ngħatax impieg permanenti mal-Gvern, kif ingħataw sħabu wara ċirkulari maħruga mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru fl-1993. Per konsegwenza l-attur jilmenta li huwa sofra danni mhux biss minħabba kundizzjonijiet svantagguzi izda wkoll sofra riduzzjoni fil-paga billi, wara li l-impieg tieghu ġie terminat minħabba '*redunancy'* huwa gie offrut impieg ieħor fi grad aktar baxx u bi paga inferjuri għal dik li kien jippercepixxi qabel.

Jidher li l-attur qed jorbot din il-pretensjoni tieghu ma' deċizjoni mehuda mit-Tribunal għall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji fis-7 ta' Frar, 2002 fir-rikors Numru 1085/97 liema proċeduri kienu istitwiti ad istanza tal-istess attur appellat kontra l-Ministru tat-Turizmu u l-Mediterranean Conference Centre u li b'digriet sussegwenti kienu ġew kjamati in kawza id-Direttur tat-Turizmu u d-Direttur tad-Dipartiment tal-Kultura. F'dawk il-proceduri l-attur appellat kien ippremetta li fl-1 ta' Settembru, 1986 huwa kien ġie impjegat irregolarment mal-MCC bhala Restaurant Manager fejn il-kondizzjonijiet tiegħu kienu simili għal tal-Gvern għal dak li jirrigwarda l-granet tal-leave biss u mhux għal dak li jirrigwarda l-pagamenti. Huwa kien ippremetta wkoll li fit-22 ta' April, 1991 kien ġie appuntat Catering and Restaurant Manager mac-Ċentru pero` ma ngħatax l-għażla li jingħata *appointment* mal-Gvern u in konsegwenza tilef il-benefiċċji li jġib mieghu dan l-impieg. Kien għalhekk li talab li jingħata rimedju konsistenti filli jingħata *appointment* mal-Gvern jew kumpens fin-nuqqas.

It-Tribunal imsemmi kien tal-fehma li kienet saret ingustizzja mall-attur appellat u konsegwentement rrakkomanda li l-attur jingħata *appointment* mal-Gvern b'effett mid-data li ngħataw il-ħaddiema l-oħra in segwitu taċ-ċirkolari maħruġ mill-OPM, u li jitpoġġa fil-lista ta' *seniority* "daqs kemm ħa l-ħatra dak in-nhar".

Fil-premessi taċ-ċitazzjoni odjerna l-attur jgħid ukoll li sofra danni minħabba l-fatt li l-impieg tiegħu gie terminat fil-mori tal-proċeduri quddiem it-Tribunal u ġie offrut, liema offerta ġiet aċċettata *under protest*, impieg ieħor fi skala inferjuri u b'salarju inferjuri għal dak li kien igawdi preċedentement.

Jidher għalhekk li l-attur ċertament sofra ngustizzja u xi rimedju kellu jingħata; biss, bil mod kif inhi msejsa t-talba attriċi, din il-Qorti tifhem li kienet ta' rilevanza l-eċċezzjoni numru tnejn (2) tal-konvenut l-Avukat Peter Fenech nomine fejn jingħad li huwa mhux il-legittimu kontradittur. Dan għal anqas fejn l-ilment jikkoncerna n-nuqqas ta' ħatra tal-attur fl-impieg mal-Gvern. Dan qed jingħad billi fl-ewwel lok il-ħatra ta' uffiċjal pubbliku ma taqax fil-kompentenza jew mansjoni tal-istess konvenut Dr Peter Fench nomine billi l-Artikolu 110 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi li '*power to make appointments to public offices and to remove and to exercise disciplinary control over persons holding or acting in any such offices <u>shall vest in the Prim Minister, acting on the recommendations of the Public Service</u>* <u>Commission'</u>. Fit-tieni lok kull rakkomandazzjoni li jagħmel it-Tribunal, bħal ma gara fil-każ in eżami, timponi dmir fuq il-<u>Prim Ministru li jimplimenta r-rakkomanazzjonijiet tat-Tribunal billi jistabilixxi dawk il-proċeduri u jagħti dawk id-direttivi li jkunu meħtiega għat-twettiq ta' dawk ir-rakkomandazzjonijiet</u>. Fiċ-ċirkostanzi din il-Qorti ma tara ebda ness bejn d-deċizzjoni tat-Tribunal għall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji u l-konvenut Dr Peter Fenech nomine. Dan tal-ahhar qatt ma seta', billi qatt ma kellu l-awtorita`, li jimplimenta r-rakkomandazzjoni magħmula mit-Tribunal. Konsegwentement jekk dik ir-rakkomandazzjoni ma ġietx implimentata minn min kien fi

dmir li jimplimentaha ma tista’ tintefa’ ebda responsabbilita` fuq terzi li ma kellhomx dan l-obbligu.

Dwar il-fatt lamentat mill-attur appellat u ċioe` li huwa sofra danni meta l-impieg tieghu bhala Catering Manager ġie terminat u sussegwentement ġie offrut impieg ieħor b’introitu anqas minn dak li kien igawdi fil-pozizzjoni li kien jokkupa qabel, din il-Qorti wkoll ma tara ebda responsabbilita` da parti ta’ Dr Peter Fenech nomine. Jirrizulta li f’xi zmien l-attur kien ġie sekondat ma’ xi dipartiment governattiv, pero` kien jitħallas mill-Mediterranean Conference Centre. F’dak il-perjodu l-Bord amministrattiv, ghar-ragunijiet lilu magħrufa, iddeċieda li jwaqqaf s-sezzjoni tal-Catering fi ħdan l-istess Mediterranean Conference Centre. Konsegwentement l-attur, f’dak il-mument ġie dikjarat *redundant* billi l-kariga tieghu ma kinitx għadha tezisti f’dik l-organizzazzjoni. Dik ir-*redundancy* u l-konsegwenzi tagħha ħija rikonoxxuta mil-ligi bħala raguni valida biex jigi terminat impieg. L-attur seta’, kieku ried, f’dak l-istadju, jikkontesta id-dikjarazzjoni ta’ *redundancy* fis-sede opportuna, izda dan ma għamlux u minflok aċċetta, purke` *under protest,* impieg ieħor ma’ l-istess Mediterranean Conference Centre. Il-fatt li l-attur ma ħa ebda azzjoni bħal din tipprekludi lill-attur milli issa jressaq bħala raguni għal kumpens in linea ta’ danni sitwazzjoni li seħħet mingħajr tort taċ-Ċentru li kien jimpjegah.

Fic-cirkostanzi din il-Qorti mhux ser tiehu konjizzjoni tal-appell inċidentali tal-attur appellat.

Għar-ragunijiet fuq mogħtija l-appell ta’ Dr. Peter Fenech nomine qed jigi akkolt u s-sentenza appellata, in kwantu laqghet l-ewwel talba attrici, qed tigi revokata (u, naturalment, konfermata fil-bqija). L-ispejjez taz-zewg istanzi jithallsu mill-attur appellat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------